**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Tnejn u għoxrin (25)**

**28 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Aaron Agius – Viċi Sindku**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 25.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija mill-Kunsilliera Leanne Micallef minħabba li kienet tinsab indisposta. Din l-apoloġija ġiet aċċettata u għalhekk ġiet skużata mil-laqgħa.

*Fil-17.35, is-Sindku Victor Curmi issospenda l-laqgħa sabiex ilqajna lil Perit Leonard Spiteri, li huwa l-Perit inkarigat miċ-Ċentru Ċiviku. Ftit wara ġie wkoll resident li xtaq jkellem lill-Kunsill u għalhekk il-laqgħa tkompliet fil-17.55.*

## 25.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 24 u Skeda ta' Pagamenti 12;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 24 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 12 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsilliera Dr. Kevin Cutajar talab għal emenda f'punt 24.9 sabiex jitniżżel li t-talba kienet qed issir f'isem resident, liema emenda ġiet approvata. Dr. Cutajar staqsa għal informazzjoni dwar pagament li jkopri tindif ta' culverts li ġew nwieġba mis-Seg. Eżekuttiv

Il-minuti kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

## 25.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri dwar:

- Update, Proġett taċ-Ċentru Ċiviku – Bħal ma tafu tlabtu lil Perit biex jiġi jagħti aġġornament mill-Perit Spiteri fejn ġie spjegat l-problemi ta' nuqqas ta' ġebel kif ukoll t-tibdil li kien hemm bżonn li jsir fil-pjanti. Suppost li x-xogħol se jitkompla fil-ġimgħa ta' wara.
- Informa li llum ingħatajna €85K mill-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal tisbiħ tal-Playingfield. Spjega li l-BOQ tal-Playingfield hija lesta fejn l-istima telgħat għal 2 miljuni. Dawn intbgħatu lill-Project Green u qed nistennew min naħa tagħhom.
- Proġett Belvedere tal-Qaċċa – S-sitwazzjoni għadha l-istess. Il-Kunsillier Kevin Cutajar tah update dwar l-istedina tal-iskultur Mario Agius li kellha ssir s-Sibt fis-18.00. Qal ukoll li nfurmawh li fil-bidu ta' Frar ser jibda x-xogħol u jitpoġġa l-monument tiegħu.

- Dwar il-Monument tal-Pjazza – Il-Perita Mariella Spiteri qed taħdem sabiex isiru l-ispecifikazzjonijiet sabiex nkunu nistgħu noħorġu sejħa għal disinn. Qed nistennew linji gwida f'dan ir-rigward mid-DLG.
- Ix-Xogħol ta' resurfacing mill-Enemalta fi Triq Mannar miexi però nqalgħu diversi problemi peress li qed jinbidlu s-servizzi kollha. Imiss issa li jinbidel ix-xogħol ħdejn il-Ġgantija mbagħad Triq Masri li se jsiru minn Road Construction. Bgħattna lil-kumpaniji biex jekk hemm bżonn isiru xi servizzi dawn isiru qabel ma jibdew ix-xogħolijiet.
- Ix-xogħol ta' tindif miexi sew u qed nirċievu kummenti pożittivi.
- Il-Kunċert għal żmien l-Għid ser isir fit-30ta' Marzu bil-kollaborazzjoni tal-Banda Victory.
- Għadna nistennew risposta dwar it-Telephone Box tal-Pjazza. Il-Kunsilliera Francienne Muscat semmiet li din issa tinsab f'sitwazzjoni ħażina ħafna minħabba li nkissru wkoll xi panels tal-ħġieġ u allura hija wkoll perikoluża. Ser tibgħat ritratti lis-Seg. Eżekuttiv sabiex dawn jintbagħtu lil Go plc u nitolbu li ssir laqgħa magħhom.
- Għadna nistennew risposta mingħand MGP għal 2Km xogħol ta' toroq fix-Xagħra.
- Dwar Triq Karkar u Triq Sqaq Nenus, s-sitwazzjoni għada l-istess, nistennew mill-MGP.
- Proġett Calypso, status għadu bħal l-aħħar laqgħa, nistennew mill-MGP.
- Proġett ta' manutenzjoni fil-Ġnien tal-Mitħna, ser toħroġ is-sejħa għal offerti nhar il-Ġimgħa.
- Proġett biex jinbidel iċ-ċangatura tal-Mitħna, nistennew mingħand il-Perit Scerri sabiex ilesti l-BOQ għall-applikazzjoni tal-Fondi mill-DPF.
- Proġett CCTV camera ser jibdew jitwaħħlu l-arbli l-ġimgħa d-dieħla. Ix-xogħol ġie postpost minħabba l-maltemp.
- Proġett Trejqet Ġorġ Ċini għandna nistennew risposta mill-MGP.
- Proġett ta' Trinek tal-Pjazza. Il-Kuntrattur infurmana li biex isiru kaxxi iżgħar irid jerġa jsir it-tqattigħ fil-pjazza u prattikament isiru mill-ġdid u allura jkun aħjar jekk nkomplu bil-proġett sabiex dan jitlesta u jingħalaq. Kien hemm qbil li għandu jitkompla u wara naraw nsibux xi mod kif nistgħu ngħattu l-kaxxi u b'hekk jkunu estetikament aħjar. Ġie diskuss ukoll l-proġett tal-irrigation tal-Pjazza fejn ġie maqbul wkoll li għandna napplikaw għal meter tal-ilma u jitkompla ħalli jitlesta.
- Ġemellaġġi – Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li jista jsir biss ġemellaġġ wieħed fis-sena u għalhekk ġie maqbul li għal din is-sena jsir il-ġemelaġġ ma Rahovec u s-sena ta' wara jsir mal-Belt ta' Atessa. Ser nikkomunkaw ma Rahovec biex jiġi identifikat data għal dan il-ftehim.
- Zebra Crossing tal-Pjazza – Għadna nistennew mill-MGP.

- Cameras tal-Bring in Sites – Għad fadal xi problemi bil-cameras li jridu jiġu ndirizzati mill-AIS u Green MT. Dan biex b'hekk jkun jista jingħata l-aċċess lil LESA.
- Traffic Management ta' diversi toroq – għaddejja diversi komunikazzjoni bejn TM, l-Kunsill u l-Perit. Tlabna li ssir site visit però sa issa għadna bla risposta.
- Ser nibdew naħsbu kif ser norganizzaw l-attivitajiet tal-Għid (kors tal-figolli u qassatat) u naħsbu għal poster. Is-Sindku Victor Curmi ssuġġerixxa li jiġu organizzati fil-mużew tas-subien. Kien hemm qbil dwar dan.
- Semma li hemm bżonn jiġi diskuss d-data tal-Fig Festival u kien hemm qbil li jintuża l-istess organizzatur u l-istess format bħas-sena l-oħra. Kien hemm qbil li ssir fis-27ta' Ġunju u kien hemm qbil ukoll li nġibu band lokali.
- Ġie ippreżentat il-programm tal-Karnival fejn fl-14ta' Frar se jsir in-Nazzarenu u fil-15ta' Frar se jsir fil-Pjazza. Ġiet diskussa l-attivita' u l-budget kif ukoll il-ħinijiet etċ. Kien hemm qbil ukoll li ssir kompetizzjoni għal isbaħ kostum.
- Culvert ta' Triq Ġnien Imrik – Ma hemmx update dwar dan. Qed nistennew li -Perit Godwin Sultant jlesti l-BOQ. Il-Kunsilliera Francienne Muscat staqsiet jekk il-Perit hux infurmat dwar il-culvert ta' Joseph Refalo u s-Sindku Victor Curmi weġibha li iwa kien ġie briefed.
- Dwar il-Masterplan tar-Ramla – Is-Sindku nfurma lill-membri li dan il-masterplan huwa magħluq u ma jistgħux isiru aktar sottomissjonijiet fuqhu, però dawk it-talbiet tal-bicycle rack u disabled parkng ġew inklużi.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Marion Portelli dwar:</u>**

- Staqsiet għal update dwar ir-rilokazzjoni tal-BCRS – Il-Kunsill iċieva tweġiba mill-BCRS fejn infurmawna li l-post identifikat ma fihx spazju biżżejjed u semmew ukoll li għalissa qed jiffokaw fuq postijiet ġodda fejn għad ma hemmx RVM. Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil li nerġgħu niktbu lil BCRS u niċċaraw li aħna mhux RVM ġdida rridu imma nirrikolaw dik eżistenti u allura jidentifikaw l-ispażju li hemm bżonn.
- Staqsiet jekk nistgħux norganizzaw ħarġa jew weekend break għall-Malta għar-residenti fix-xhur li ġejjin. Issuġġeriet li ssir ħarġa għal Festa ta' San Girgor li ssir l-Erbgħa ta' wara l-Għid. Il-membri ma sabux oġezzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li qegħdin b'nuqqas ta' staff u allura din l-attivita' jridu jieħdu ħsiebha l-membri. Il-Kunsilliera Marion Portelli aċċettat li tieħu ħsieb l-organizzazjoni tagħha u Dr. Francienne Muscat ser tipprova wkoll li tattendi. Dr. Muscat fakkret li qed terġa titlob biex il-ħarġiet li jkunu organizzati mill-Kunsill jitilgħu fuq il-paġna soċjali tal-Kunsill minn tal-anqas tlett ġimgħat qabel. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li ser terġa tfakkar lill-impjegata nkarigata.

Il-Kunsilliera Marion Portelli għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 25.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Kompetizzjoni tal-isbaħ kostum fil-Karnival

- Ċentru Ċiviku Update
- X'se jsir dwar il-parking fil-pjazza u s-sitwazzjoni tal-ħwienet
- Update dwar Triq Karkar
- Update dwar is-CCTV's
- Update dwar Triq 28ta' April.

**<u>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat:</u>**

- Staqsiet jekk irċivejniex stima dwar il-Fairy lights għall-Pjazza. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li rċivejna stima mingħand l-Għaqda Armar għal €1500 għal perjodu ta' bejn Ġunju u Awwissu. Kien hemm qbil li nimxu ma dan.

- Staqsiet dwar update fuq Triq Nenus, Triq Għonqa u Triq Pergola. – Sa issa għadna ma għandniex updates dwar dawn it-toroq.

- Infurmat lill-membri dwar data ġdida għal Clean Up fir-Ramla li se ssir fl-20ta' Marzu. Is-Seg. Ezekuttiv infurmatha li reġat ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess tal-ERA.

- Infurmat lill-membri li qedha f'kommunikazzjoni ma Heritage Malta biex issir l-Egg Hunt u qed tistenna r-risposta.

- Staqsiet x'inhi s-sitwazzjoni tal-uffiċjali ta' TM u l-Pulizija u jekk kienx hemm risposta mil-laqgħa tal-24ta' Novembru l'hawn. Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil li nitolbu għal kwotazzjoni minn TM għal perjodu ta' bejn Ġunju u Settembru.

- Staqsiet dwar is-sistema ta' tindif u kif għadhom qatt ma qalulna f'liema toroq qed ikunu. Is-Segretarju Eżekuttiv qegħda tibgħat ir-ritratti kif ukoll l-ismijiet tat-toroq li jkunu saru via whats app Group chat li fih huma nklużi l-kunsilliera kollha.

Dr. Muscat għamlet ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 25.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Triq Karkar
- Xoghlijiet fin-Nazzarenu - Triq Mannar, etc
- Toroq ohra li se jsiru minn EneMalta - timelines
- Risposti minghand MGP rigward 2km, zebra crossing, dahla tax-Xaghra/Qacca, u Triq Gnien Imrik (inkluz il-problema ta' Joseph Refalo)
- Go Mobile - Telephone Box
- Wires u trinek fil- pjazza u risposta fuq il-kaxxi
- Centru civiku
- Bandli
- BCRS - Triq Tafla – Kien hemm qbil li nitolbu għad-dimensjonijiet tal-RVM.

- Progett Calypso - ilni nistaqsi fuqu minn tal-inqas Lulju 2025- Nerġgħu nibgħatu tfakkira
- Masterplan ghar-Ramla - nitolbu biex inkunu involuti u x'se jigri mill-bicycle rack u disabled parkings sa dan it-tant? Inghatajna timeframes?
- CCTVs
- Mithna - Gnien u Cangatturi
- Triq Marsalforn - resurfacing
- 3 bozoz fil-Belveder t' Ghajn Xejba – Ġew irrapurtati.

**Mistoqsijiet mill-Kunsillier Aaron Agius**

- Staqsa kif saru l-linji sofor quddiem residenza privata fi Triq il-Ġebla ta' Sansuna, speċjalment meta r-residenti diġà jsibuha diffiċli biex jipparkjaw. Din il-materja ġiet diskussa u s-Sindku nfurmah li dawn saru min naħa ta' TM. Il-Kunsill kien irċieva t-talba tar-resident u qabel li jitlob linji gwida lill-TM. Kienu TM li ddeċidew li għandhom isiru u mhux il-Kunsill.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera Leanne Micallef li kienu ntbgħatu qabel il-laqgħa u nqraw mis-Seg. Eżekuttiv:**

- Talbet għal skeda tal-Karnival – Ġiet ippreparata mis-Sa Josephine Sultana u ppreżentata.
- Staqsiet jekk jistax isir kors dwar il-First Aid u l-użu tal-AED li hemm fil-pjazza. Kien hemm qbil dwar dan.
- Staqsiet dwar il-vouchers tal-Autumn Fest. – Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil-membri li l-vouchers qegħdin il-Kunsill u qablu li dawn jingħataw fl-attivita' tal-Karnival.
- Triq Gorf- Hop on Hop off li qed tinzerta ma tal-linja – Ser nibgħatu lil tal-Hop on Hop off biex jikkunsidraw il-ħinijiet tal-linja fl-iskeda tal-ħinijiet tagħhom.
- Staqsiet għal update dwar in-Nazzarenu – Tweġiba ingħatat mis-Sindku.
- Staqsiet għal mappa tad-doggy bins madwar ix-Xagħra. – Din ġiet ippreżentata mis-Seg. Eżekuttiv.
- Staqsiet għal update dwar Triq Marsalforn – Is-Sindku Victor Curmi semma li din ma tistax titkompla qabel ma tkun lesta Triq Marsalforn u r-Rabat.

*19.44 Il-Kunsillier Aaron Curmi ssopenda ruħhu mill-kamra.*

**Mistoqsijiet mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar:**

- Staqsa f'isem resident dwar it-talba għal-linji sofor – Ser jibgħat ir-ritratti u l-indirizz komplut lis-Seg. Eżekuttiv

- Staqsa jekk jistax isir dog bin ieħor fin-naħa ta' isfel fi Triq Għejna. Din it-talba ġiet diskussa u ġie maqbul li tiżdied il-frekwenza tat-tbattil tad-dog bin eżistenti.

- Ressaq il-bżonn li jsir xogħol ta' ciment. Is-Seg. Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

Dr. Cutajar għamel ukoll dawn il-mistoqsijiet li għalihom kien diġà għamel referenza is-Sindku f'punt numru 25.4 u allura ma reġgħux inqraw.

- Sqaqin Nenus u Pergla
- BCRS
- Update dwar Proġett Funtana ta' ħdejn il-Mitħna
- Tabella Stop tas-Sellum
- Żviluppi fuq Triq Karkar
- Update dwar asfaltar ta' toroq u partikularment il-problema ta' Joe Refalo fi Triq Ġnien Imrik.

**25.5 Kunsiderazzjoni ta'xogħol mill-Minuti preċedenti**

Il-materja relatata ġew diskussi fil-Komunikazzjoni tas-Sindku f'punt numru 25.4.

*18.40 Is-Sindku Victor Curmi issospenda l-laqgħa sabiex jilqa lil Msgr. Carmelo Refalo li talab li ġie waqt il-laqgħa u talab li jkellem lill-Kunsill.*

*18.55 Il-laqgħa tkompliet*

**25.6 Traffic Management ta' diversi toroq u l-Pjazza Vitorja**

Il-Kunsilliera Dr. Francienne Muscat staqsiet x'inhi s-sitwazzjoni tal-uffiċjali ta' TM u l-Pulizija u jekk kienx hemm risposta mil-laqgħa tal-24ta' Novembru l'hawn. Din il-materja ġiet diskussa u kien hemm qbil li nitolbu għal kwotazzjoni minn TM għal perjodu ta' bejn Ġunju u Settembru.

Dr. Muscat staqsiet jekk kienx hemm risposta dwar il-laqgħa li l-Kunsill talab biex issir ma Transport Malta. Irrimarkat li hemm diversi Traffic Managements li l-proċess tagħhom ilu li beda mill-bidu ta' din il-leġislatura u għadhom ma ġewx finalizzati. Kien hemm qbil sabiex nerġgħu nibgħatu tfakkira lil Transport Malta għal din il-laqgħa.

Dr. Muscat irrimarkat ukoll li hemm diversi proġetti li għandhom isiru min naħa tal-MGP li ilhom imwegħdin żmien u li għadu ma sar xejn dwarhom. Saret referenza għaż-żebra crossing, Triq Ġnien Imrik, l-culvert ta' Triq il-Knisja, Triq Karkar u l-proġett Calypso li il-Kunsill ilu ħafna jistaqsi għall-informazzjoni b'emails fuqhom. Semmiet ukoll li mal-MGP għandhom jiġu diskussi ż-żewġ kilometri toroq li se jsiru u nitolbu għal timeframes ta' meta se jsiru. Kien hemm qbil li għandna nitolbu għal meeting mal-MGP biex jiġu diskussi dawn il-punti.

Dwar Traffic Management – dan ġie diskuss f'punt 25.4

**25.7 Applikazzjonijiet għal ġemellaġġi mal-Bliet ta' Atessa u ta' Rahovec**

Dawn ġew diskussi f'punt 25.4

**25.8 Fondi Ewropew – Interreg VI-A- Italia Malta 2021-2027**

Is-Sindku Victor Curmi informa l-membri li hemm il-possibilta li napplikaw għal fondi taħt l-iskema Ewropeja fuq proġett ta' Climate change – *Sustaining Heat Resilience in the Maltese and Sicilian Area.*

Dan ġie diskuss u kien hemm qbil li napplikaw bħala partners bl-assistenza ta Mark Causon.

**25.9 Fond ta' Aġġustament**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li din is-sena l-Kunsill qed jiġi allokat is-somma ta' €7,000 għal dan il-fond. Kien hemm qbil sabiex napplikaw biex dawn il-fondi jintużaw għall-proġett ta' pavimentar ta' ħdejn il-Mitħna.

**25.10 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Monument – Vittmi tal-Gwerra – Qed nistennew linji gwida ta' kif l-aħjar li ssir is-sejħa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- Ġbarna l-kwotazzjonijiet sabiex jinkiseb is-Sage Software oriġinali kif inhu mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-prezz huwa ta' 296e fix-xahar plus 520e għal installazzjoni. Kien hemm qbil li jsir dan l-akkwist.
- Hemm bżonn li jsir l-akkwist ta' compactor kif ukoll ta' Safe mill-aktar fis. Inkisbu l-kwotazzjonijiet u l-aktar prezzijiet vantaġġjużi huma dawk ta' €775 għal compactor u qegħdin jinkisbu dawk għal safe. Kien hemm qbil sabiex isir dan l-akkwist.
- Ġbarna l-kwotazzjonijiet għal street signs u l-aktar offerti vantaġġjużi kienu dawk ta' Raphael Refalo u għalhekk se jsir agreement sabiex nimxu ma dawk il-prezzijiet sa massimu ta' 5K. Kien hemm qbil dwar dan.
- Is-Seg. Eżekuttiv fakkret ftit fl-email dwar il-Bye-Law li kont bghattilkom fit-18ta' Settembru sabiex isiru l-edits bit-track changes u jitkompla l-proċess. Ser terġa tintbgħat l-email lill-kunsilliera kollha.
- Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li rridu niddiskutu l-Budget plan fil-laqgħa li jmiss u għalhekk rridu wkoll niffissaw data ħalli ssir l-laqgħa Pubblika.
- Proposta mingħand il-kumpanija 4sight- Proposta ta' Enċiklopedija Edukattiva għat-tfal dwar il-lokalita' tagħna.
- Ċirkulari numru 06-25 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026 – Pjan għal Fond ta' Aġġustament 2026 fejn il-Kunsill għal din is-sena qed jiġi allokat €7000.
- TM qed jistaqsuna jekk il-Kunsill hux se jkopri l-ispiża tal-uffiċċjali għal Xagħra Maratona minħabba li irċivew it-talba għall-uffiċċjala. L-ispiża hija ta' €1720.44. Kien hemm qbil sabiex inkopru din l-ispiza.

- Korrispondenza mingħand is-Supretendenza tal-Cultural Heritage dwar agreement li sar bejn l-Universita ta' Malta u l-MTA biex isir proġett li jinkludi l-iscanning u digitazzjoni tal-postijiet storiċi.
- Collaboration on Youth Street Art Project During Easter Recess – Agenzija Żgħażagħ qed jitolbuna nidentifikaw post fejn jista jsir dan il-mural wall. Kien hemm qbil sabiex nitkellmu mas-Surmast tal-iskola u nissuġġerixxu l-ħajt tal-iskola.
- Korrispondenza dwar ic-Charging pillars – Se ssir waħda ħdejn il-Calypso. L-MEEC kienu identifikaw 8 postijiet li l-Kunsill kien oġezzjona għalihom. Qed ngħaddilkom kopja tal-coordinates kif proposti. Ġie maqbul li nitolbu għal ritratti tal-postijiet indikati.
- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija tal-Health Insurance. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Ċirkulari SPI/SCI/10/2025 dwar Korsijiet tal-Life Long Learning. Il-Kunsilliera Marion Portelli ssuġġeriet li napplikaw għal korsijiet għall-barranin. Il-Kunsill irid jipprovdi diversi bzonnijiet bħal ma hu laptop, projector etc.
- Korrispondenza mingħand Mr. Sultana fejn qed jistaqsi jekk hemmx post fejn huwa permessibli li jsir camping. Il-Kunsill iddeċieda li ma hemmx post fejn dawn jistgħu isiru.
- Tweġiba mingħand il-BCRS Malta fejn qalu li l-post identifikat ma hux tajjeb sabiex issir l-magna tal-RVM u fil-preżent għandhom direzzjoni biex jagħtu prijorita f'postijiet fejn ma għad ma għandhomx RVM. Kien hemm qbil li nitolbuhom għad-dimensjonijiet kif ukoll niċċaraw li aħna rilokazzjoni qed nitolbu.
- Cirkulari AKL2026/009 – Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attivita' tal-Earth hour 2026 li se ssir s-Sibt, 28ta' Marzu 2026.
- Talba mingħand The National Sport School in Malta biex iġġibu 45 student biex jilgħabu fuq ir-ramel tar-Ramla. Hin tal-attivita' hija bejn l-10am u n-12pm. Kien hemm qbil li nilqgħu din it-talba bil-kundizzjonijiet normali impost fil-permess tal-Kunsill kif ukoll suġġett għall-permessi oħra bħal ma huma dawk tal-ERA.
- Korrispondenza mingħand TVM dwar il-programme Mill-Għatba l-Barra li jsir kull nhar ta' Sibt fil-11.00. Jixtiequ li nidentifikaw artisti lokali sabiex jipparteċipaw. Kien hemm qbil li ntellgħu post fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.
- Korrispondenza mingħand Planning Authority dwar applikazzjoni dwar Alignment f'site off Triq l-Għar ta' Ninu. Representations jistgħu jiġu sottomessi sad-19ta' Frar 2026.
- Irridu naħtru bord għat-tender tal-Mithna li se joħrog il-Ġimgħa.
- Kellna meeting mar-rappreżentanti tal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq. Hemm bżonn li jingħata isem lis-sqaqin ta' Triq 8 ta' Settembru. Dwar Triq off Bullara ser nerġgħu nitkellmu mal-Kumitat sabiex tissemma Sqaq Bullara.

- Ittra li ppreżenta l-Msgr. Carmelo Refalo llum dwar talba biex isir mafkar b'tifkira tal-poeta ,storiku u saċerdot Dun Ġiljan Refalo Rapa. Din ser terġa tersaq fil-laqgħa li jmiss.

Ilmenti u talbiet

- Talba ghal parking boxes fi Triq l-Ghar ta' Xerri – Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Talba biex isir il-wicc tat-triq – Triq l-Għejun – Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
- Talbiet mill-Kunsillier Kevin Cutajar f'isem resident biex isir it-tiswija ta' bankina fi triq 28ta' April- It-talba ġiet sottomessa lill-MGP.
- Talba minn resident fi Sqaq fi Triq il-Knisja għal-linji sofor faċċata tal-garaxx tiegħu. – quddiem propjeta privata – Ninfurmawh li jrid jipprovdi l-kunsens ta' sid il-propjeta.
- Talba mingħand resident sabiex jiġu rilokati żewġ arbli tad-dawl li tpoġġew fo Triq Gorf. Dawn saru min naħa tal-Enemalta u mhux mill-Kunsill.
- Talba minn resident biex l-parti minn ħdejn Romana Maisonette il-fuq minn Triq Għajn Qamar tingħata isem. – Niċċekjaw mal-Perita u mal-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq.
- Ittra minghand resident dwar is-sitwazzjoni tal-ħwienet u spazju miftuħ fil-pjazza. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**25.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20.35pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis, 19 ta' Frar 2026 fis-17.30pm

Konfermati illum 19 ta' Frar 2026

**IFFIRMATA** 

**Victor Curmi**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**